# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Nru. 1858

Kaz 2318/AC

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol
bejn
Diane Bayliss
u
Dhalia Estate Agency Limited

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Illum it-Tnejn 2 ta' Gunju 2008

**Chairman : Is-Sur Alphonse Caruana**

**Introduzzjoni**

Dan ill-kaz gie rreferit lit-Tribunal Industrijali permess ta' Rikors fir-Registru tal-Qorti Superjuri f'isem Diane Bayliss mill-Avukat Ian Spiteri Bailey fejn qieghed jghid illi l-esponenti thoss li t-tkeccija taghha mill-impieg huwa wiehed ingust u illecitu.

Is-Sinjura Diane Bayliss aktar 'l quddiem tissejjah l-appellanti kienet assistita mill-Avv. Ian Spiteri Bailey. Dhalia Estate Agency Limited aktar 'l quddiem tissejjah is-socjeta kienet rapprezentata mill-Avv. Noel Bartolo u l-Avv Italo Ellul.

It-Tribunal zamm tlettax (13) il-seduta.

**Dikjarazzjoni tal-Kaz**

L-appellanti tghid illi bdiet tahdem mas-socjeta appellata fis-17 ta' Frar 2004. Ghal bidu bdiet part-time bi tnax il-siegha fil-gimgha u wara gimghatejn ziedulha ghal tmintax il-siegha fil-gimgha u wara ftit bdiet tahdem anke 'l fuq minn tletin siegha. Mill-1 ta' Ottubru tas-sena 2004 bdiet tahdem *full-time* a bazi ta' kuntratt tax-xoghol datat 1 ta' Settembru 2004 (Dok B) b'hinijiet miftehma mis-07.30a.m. u l-04.30p.m. mit-Tnejn sal-Gimgha.

Bdiet taghmel aktar xoghol konness ma' l-affarijiet tas-Sur Chris Grech li huwa s-sid tad-Dhalia Group. Fl-4 ta' April 2005 sejhilha s-Sur Nicky Camilleri fl-ufficcju tieghu u qallha illi ma setghetx tibqa' taghmel ix-xoghol li kienet qed taghmel u riedha tahdem sas-06.00pm u mhux sa' l-04.30pm skond il-kuntratt taghha. Dak inhar taha zmien tliet xhur biex tahsibha u tghlidlu jekk kienetx lesta illi tahdem sas-06.00pm. l-appellanti kienet infurmatu illi ghandha tibqa' mal-kuntratt. Wara illi kienet insistiet illi ghandha tibqa mal-kuntratt irceviet l-ewwel warning (DOK C datat 4 ta' April 2005) Kienet ipprotestat ghal dan il-warning u s-Sur Camilleri gielha tiffirmah avolja verbalment kienet ghamlitha cara illi kienet qed tiffirma taht protesta. Di fatti l-incident li wassal ghal dan il-warning gie sorvolat qisu qatt ma kien izda s-socjeta appellata xorta wahda zammet il-warning kontra taghha.

Fil-15 ta' April 2005 inghatat it-tieni warning li l-appellanti ma ffirmatx. Din id-darba ma nghatat ebda kopja u baqghat ma tafx preciz x'kien jikkontieni u a bazi ta' xiex inghatat dan it-tieni warning. Fin-nuqqas ta' dan l-appellanti tghid illi hadet passi permezz ta' l-Avukat taghha billi ha hsieb illi kiteb u oggezzjona ghan-nom taghha (DOK D ittra legali datata 4 ta' Marzu 2005). Illi l-attitudni mis-Sur Camilleri kompliet tiggrava meta fis-16 ta' Mejju 2005 infurmatu illi kienet tqila. Qalet illi l-uniformi ma baqghetx tigijha u xtrat xi hwejjeg hijha minn butha liema hwejjeg kienu jaqblu ma' l-uniformi izda ma sabitx top ta' l-uniformi u fil-31 ta' Mejju marret ix-xoghol b'top blu u abjad flok abjad kollu. Kien fis-07.20pm li bdiet tircievi messaggi minn ghand is-Sur Camilleri sabiex tmur ghax-xoghol liebsa l-uniformi. Meta gharrfitu illi kellhom jiprovdulha l-uniformi huma ma

kompliex jibghatilha messaggi aktar. Fit-2 ta' Gunju 2005 waqt li kienet qed tahdem fl-ufficcju taghha mar is-Sur Camilleri u beda jghajjat maghha quddiem kulhadd fuq xi zbalji li ma kienux htija taghha. L-ghada fit-3 ta' Gunju 2005 sabet e-mail minn ghand is-Sur Camilleri fejn qallha illi l-gurnata ta' qabel telqet 10 minuti qabel il-hin u li impjegati ohra fl-ufficcju qalulu illi hi dejjem hekk kienet titlaq. Tghid illi dejjem cahdet dan ghax dejjem telqet fil-hin u kienet timxi ma l-arlogg tal-komputer stess li kienet tahdem fuqu.
Qalet illi kienet qed thossha illi s-socjeta appellata kienet qed tghamillha hajjitha nfern fuq il-post tax-xoghol sabiex titlaq ghax ma kienetx qed taccetta illi tahdem il-hinijiet li rieduha huma u wkoll ghax kienet harget tqila.

Fit-8 ta' Gunju 2005 harget bis-sick leave ghax kienet ma tiflahx. Meta kienet ilha madwar gimgha bis-sick leave baghtulha t-tabib tal-kumpanija. It-tabiba marret tarha darbtejn. L-Gimgha 24 ta' Gunju 2005 bghatet messagg lis-Sur Nicky Camilleri sabiex it-Tnejn ta' wara 27 ta' Gunju 2005 tirraporta ghax-xoghol.
Kien is-Sibt 25 ta' Gunju 2005 wara nofs in nhar illi rceviet ittra by hand (DOK E datata 25 ta' Gunju 2005) fejn Is-Sur Nicky Camilleri li iffirma bhala *Financial Controller* tad- Dhalia Estate Agency Limited gharrafha illi b'effett immedjat kien qed jigi tterminat l-impieg taghha.
Issostni illi kienet kollha manuvra sabiex jehilsu minnha. Permezz ta' l-Avukat taghha opponiet ghad-decizjoni (DOK F datata 6 ta' Lulju 2005)
Finalment tghid illi r-raguni tat-terminazzjoni ta' l-impieg taghha hija wahda skorretta u ingusta kif ukoll illi qatt ma nghatat il-fakolta li tirrispondi.

Is-socjeta appellata fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz tghid illi l-appellanti kienet impjegata bhala accounts assistant.
Illi l-impieg taghha gie tterminat mis-socjeta appellata ghall-ragunijiet tajba u sufficjenti skond il-Ligi, wara li l-appellanti kienet inghatat diversi twissijiet anke bil-miktub u minnha ffirmati fuq diversi aspetti ta' l-impieg taghha (Dok DH 1 u DH 2)

Illi l-impieg ta' l-appellanti gie tterminat permezz ta' ittra datata 25 ta' Gunju 2005 (Dok DH 3)

Illi meta is-Sur Nicky Camilleri beda jahdem bhala Financial Controller ta' Dhalia Group of Companies f'Mejju 2004 l-appellanti kienet ilha xaharejn tahdem ma' l-istess kumpanija bhala accounts assistant. Kienet tahdem fuq bazi ta' part time pero dejjem kienet tahdem sieghat twal u anke xi drabi minghajr breaks. Meta s-Sur Nicky Camilleri beda jiehu r-responsabilta ta' l-accounts department tad-Dhalia, l-appellanti kienet tidher biezla u kienet tahdem tajjeb. Tant illi s-socjeta appellata kienet kuntenta bil-mod kif kienet qed tahdem u kien fil-fatt Nicky stess illi kien ipperswadiha taqleb minn part-time u tibda tahdem full-time, Nicky irrangalha hinijiet ahjar minn ta' haddiehor biex jakkomodha, li ma tidholx is-sibtijiet u offrielha paga tajba hafna ghall persuna minghajr kwalifiki.

Il-bidla ghall full-time kienet l-aghar decizjoni illi s-socjeta appellata setghet tiehu u din mill-bidu nett bdiet gejja hazina. Meta lestielha l-kuntratt tax-xoghol is-Sur Camilleri iffirmah u hi qaltlu illi riedet taqrah bil-kwiet mar-ragel fil-weekend. Nicky ta l-kuntratt u haseb li hi ta' mara sejra tiffirmah u ggibu lura. Nicky dejjem gera warajha ghal dan il-kuntratt tant illi hi sal gurnata tal-lum dan il-kuntratt ghadha qatt ma rritornatu lura. Kienet qalet li hallietu lill-Nicky fuq id-desk tieghu imma dan mhux il-kaz.

Illi fl'ahhar ta' Jannar 2005 kienet harget bis-sick leave ghall-ghaxart t'jiem. Nicky cemplilha fl'ewwel gurnata u hi qatt ma cemplet biex tinfurmah x'sar minnha. Kemm damet id-dar bis-sick leave qatt ma giebet ic-certifikat tat-tabib biex tiggustifika s-sick leave.

Kien fl'ahhar ta' Marzu illi s-socjeta appelleta ma setghetx tkompli tittollera din l'imgieba aktar u Nicky Camilleri beda jaghti verbal warnings lill-appellanti . Hija njorat tali warnings u xorta baqghet tidhol tard. Barra minn hekk tidhol x'hin tidhol l'ufficcju dejjem kont issibha fil-kcina taghmel il-kafe jew tparla. Kull meta Nicky avzaha biex tieqaf u tmur fid-desk tahdem, hija kienet tistennieh jidhol fl-ufficcju mbaghad erhilha tkompli tparla.

L-izbalji ta' traskuragni ma naqsux, Nicky kien jaghtiha bank reconciliations u postings x'taghmel u dawn ghadhom sal gurnata tal-lum ma sarux. L-appellanti kienet responsabbli biex ticcargja r-renti u ground rents lill-klijenti tal-kumpanija. Dan ma kienx isir. Meta Nicky kien jistaqsijha jekk hux kollox sew u jekk ir-renti kienux qed jigu ippostjati u iccargjati hi kienet tghid illi kollox sew. Nicky kien jiccekkja gos-sage, dawn qatt ma kienu jidhru ippostjati. Meta jaffrontaha hi kient tghidlu "*mhux suppost*" jew "*hi dawk insejthom"*

Kienet taf illi biex tibghat cheque ghall-firma tas-Sur Chris Grech dan irid jigi approvat minn Nicky qabel. Mhux darba jew tnejn illli dawn ic-cheques intbaghtu minghajr l-awtorizazzjoni tal-Financial Controller u Nicky kien dejjem jaqla l-ghajta hu minhabba n-nuqqas taghha. Nicky huwa persuna illi dejjem jaghti cans iehor imma ma' l-appellanti s-sitwazzjoni kienet tali li kienet tirrikjedi azzjoni.

Parti mir-responsabilta taghha kienet illi r-renti jizdiedu annwalment skond il-kuntratti. Dawn qatt ma saru u kellu jidhol direttament fihom il-Financial Controller u jaghmilhom hu stess. Ghal darba' ohra inhareg written warning iehor ghax qalet illi qatt ma kellha hand-over tajjeb fuq dan il-kuntratt. Mill-e-mail jirrizulta li l-appellanti kellha d-dettalji kollha mehtiega biex tinkludi z-zieda ta' 4% annwali.

Il-problemi baqghu gejjin. Wara l-15 ta' April 2005 l-attitudni ta' l-appellanti kompliet tmur ghal-aghar. Kienu jcemplu fis-seba u nofs, il-hin propju illi suppost tibda u ma kienetx tkun hemm, kienet iddum break aktar milli suppost. Kien propju dan iz-zmien li Nicky Camilleri flimkien mas-Sur Franco Valletta iddecidew illi l-appellanti ma kienitx persuna responsabbli bizzejed u ghalhekk Nicky sejjhilha biex tibda tahden mid-disa sas-sitta bhall-kumplament ta' l-ufficcju.

Kien madwar l-ewwel gimgha ta' Mejju illi kienet qalet lil Nicky Camilleri li inqabdet tqila. Is-socjeta appellata kienu awtorizzaw lil l-appellanti u l-Joanne Gatt biex ma jigux bl'uniformi peress li kienu t-tnejn pregnant, izda kellhom jilbsu xi qmis pulita. Joanne dejjem kienet u ghada tilbes xierqa izda b'pika l-appellanti kienet tigi b'T-shirt tal-Adidas minghajr kmien. Dan mhux ilbies accettabbli go l-ufficini tad-Dhalia.

Incident iehor kien fit-2 ta' Gunju 2005 fl'16.20 p.m. meta Nicky kellu bzonn lill-appellanti biex jistaqsija xi haga, hareg mill-ufficcju tieghu u din kienet ga telqet. Meta baghtulha e-mail jipprotestaw ghat-tluq taghha qabel il-hin, ir-risposta taghha kienet, *"I left according to the time there is on the PC"* Is-socjeta appellata qalet illi Reuben Caruana, IT Executive jista' jikkonferma li s-server taghhom ghandu ghaxar minuti 'l quddiem.

Fit-8 ta' Gunju 2005, l-appellanti ma dahlitx ghax-xoghol lanqas indenjat ruha c-cempel biex tavza. Wara jumejn ma jistghux jaqbdugha, irnexxielhom jikkuntatjawha fejn qalet illi kienet marida u ma setatx tigi ghax-xoghol Kien propju fit-13 ta' Gunju illi wara dawn l'incidenti kollha Nicky ma bediex jafda aktar lill-appellanti u baghat it-tabib tal-kumpanija. It-tabib informa illi l-appellanti kellha *sinusitis* u li fl-20 ta' Gunju hi kienet tkun tajba ghax-xoghol. F'dan iz-zmien ta' assenza, kellhom jiccekjaw l'iskrivanija taghha halli jaraw x'kien hemm pendenti, irrizulta li kollox kien pendenti.

**Sottomissjonijiet finali fil-qosor**

Is-socjeta appellata resqet dawn il-punti li huma;

(a) Sick-leave bla produzzjoni ta' certifikat mediku

(b) Inadempjenza fil-qadi tax-xoghol taghha

(c) Zbalji fill-qadi ta' dmirijitha li swew lill-Dhalia eluf ta' liri f'danni

(d) Ma tilbisx l-uniformi u tilbes mhux xieraq ghax-xoghol

(e) Tohrog mix-xoghol qabel il-hin tal-hrug

(f) Ma tirrapurtax ghax-xoghol bla ebda avviz

(g) Dhalia hija kumpanija serja u ta' reputazzjoni tajba

(h) Zbalji ohra u traskuragni.

(i) Il-lum li m'hemmx l-appellanti is-sitwazzjoni hija wahda felici

Spiegazzjoni dettaljata inghatat ghal kull punt hawn fuq indikat.

Il-appellanti resqet dawn il-punti li huma;

Illi fix-xhieda taghha l-appellanti kkonfermat bil-gurament fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2006 li fis-17 ta' Frar 2004 kienet giet impjegata mas-socjeta appellata fuq bazi

part-time wara li kien ikkuntatjha s-Sur Richard Hili li kien Direttur u Financial Controller id-Dhalia.

Illi kollox kien sejjer tajjeb sa kemm fl-4 ta' April 2005 dahal jahdem mas-socjeta appellata is-Sur Nicky Camilleri, il- Finance & Administration Manager. Illi kienet mitluba tibda tahdem sas-06.00pm u mhux aktar sal-04.30pm kif kien jghid il-kuntratt.

Illi l-appellanti mill-ewwel ghamlet il-posizzjoni taghha cara illi hija kienet se timxi mal-kuntratt tax-xoghol taghha illi tahdem mis-07.30m sal-04.30pm.

Illi fl-4 ta' April 2005 inghatat warning. Hija pprotestat ghal dan il-warning ghax hassitu ngust fil-konfront taghha. Is-Sur Nicky Camilleri insista sabiex tiffirmah u sahansitra qalilha li kienet ser titkecca jekk ma tiffirmax. Hija ffirmat under protest.

Illi fil-15 ta' April 2005 inghatat it-tieni warning ghaxar tijiem biss wara l-ewwel warning liema warning l-appellanti ma ffermatx.

Illi l–appellanti tghid illi s-socjeta appellata kienet qed tghamillha hajjitha nfern fuq il-post tax-xoghol sabiex titlaq ghax ma kienetx qed taccetta illi tahdem il-hinijiet li rieduha u wkoll ghax kienet harget tqila;

Illi fit-8 ta' Gunju 2005 l-appellanti harget bis-sick leave ghax kienet ma tiflahx u s-socjeta appellata kienet bghatitilha t-tabiba darbtejn, tghid illi din kienet l-ewwel darba li s-socjeta kienet bghatet tabib jinvista lill-impjegat li jkun bis-sick leave u dan gie kkonfermat mix-xhud Joanne Gatt waqt ix-xhieda tat-28 ta' Novembru 2005.

Illi l-ewwel darba li kienet marret it-tabiba ghamlitilha certifikat illi fl-20 ta' Gunju tkun tajba ghax-xoghol, izda meta fl-20 ta' Gunju l-appellanti kienet ghadha hazina u ma marritx. is-socjeta appellata regghet baghtitilha t-tabiba illi ghamlitilha certifikat open u awaiting ENT surgeon.

Illi fl-24 ta' Gunju 2005 kienet baghtet messagg lill Nicky Camilleri illi t-Tnejn 27 ta' Gunju 2005 hija kienet ser tirraporta ghax-xoghol. L-ghada s-Sibt 25 ta' Gunju 2005 hija rceviet ittra by hand (Dok E) li permezz taghha Nicky Camilleri kien qed jgharrafha illi l-impjeg taghha kien qed jigi terminat b'effett immedjat, minhabba rapport li rcieva minghand l-awditur Vincent Curmi, minhabba l-warnings u

minhabba l-constant unjustified absenteeism. L-appellanti tghid illi ma nghatatx il-fakulta li tirrispondi ghar-rapport ta' Vincent Curmi qabel ma tkecciet.

**Xhieda u Dokumenti**

Xhiedu dawn is-segwenti sinjuri;

Nicky Camilleri, Operations Manager ex Financial Controller u pprezenta Dok NC1

Joanne Gatt, Receptionist

Rodianne Formosa, Asst.Accountant pprezentat "List of mistakes : Diane Bayliss" li hu Dok A sa Dok I liema dokumenti gew kollettivament immarkati bhala Dok RF 1

Amanda Lynn Galea, Accountant Executive

Vincent Curmi, Awditur

Chris Grech, Direttur

Ethel Spiteri, Administration Asst.

Marilyn Costa, Accountant Asst.

Gordon Naudi, Marketing Manager

Diane Bayliss, l-Appellanta

Il-legali tas-socjeta appellata pprezenta s-segwenti dokumenti:

AG1 - affidavit ta' Adrian Grech

Dok ES1 - affidavit ta' Ethel Spiteri

Dok GN1 - affidavit ta' Gordon Naudi

Dok MC1 - affidavit ta' Marilyn Costa

Dok CG1 - affidavit ta' Christopher Grech

Dok VCA 1 - affidavit ta' Vincent Curmi

L-appellanti pprezentat is-segwenti dokumenti;

Dok DB 1 - e-mail datata 27 ta' Settembru 2004

Dok DB 2 - e-mail datata 3 ta' Gunju 2005

Dok DB 3 - Certifikat mediku

Dok DB 4 - Certifikat mediku

Il-legali tal-appellanti pprezenta l-formola ta' l-ETC immarkata Dok ISB/DB/1

**Konsiderazzjonijiet**

L-appellanti bdiet fl-impieg mas-socjeta appellata fis-17 ta' Frar 2004 bhala accounts assistant. Ghal bidu part-time b'tnax il-siegha fil-gimgha wara gimghatejn hadmet ghal tmintax il-siegha fil-gimgha u wara li ghadda ftit taz-zmien hadmet 'l fuq minn tletin siegha fil-gimgha.

Mill-1 ta' Ottobru 2004 bdiet tahdem full-time fuq bazi ta' kuntratt tax-xoghol datat 1 ta' Ottubru 2004, il-hinijiet mis-07.30 a.m. sal-04.30 p.m. mit-Tnejn tal-Gimgha b'siegha break . Il-kuntratt ipprezentat mad-dikjarazzjoni tal-kaz mill-appellanti (Dok B) huwa iffirmat mis-Sur Nicky Camilleri, Financial Controller u ma huwiex iffirmat mill-appellanti. B'ittra datata 25 ta' Gunju 2005 (Dok DH 3) l-appellanti giet terminata mill-impieg mis-socjeta appellata tirreferi ghal warnings li giet mghotija fl-4 ta' April 2005 u ll-15 ta' April 2005 u wkoll warnings ohra verbali.

Matul is-smieh tal-kaz kien hemm xhieda li tirreferi ghal affarijiet li jirrizultaw meta kienet bis-sick leave u wara illi l-appellanti kienet terminata mill-impieg taghha kif ukoll anke xi dokumenti,

Ghandu jinghad illi t-Tribunal htieglu jara u josserva dak kollu li sehh sa kemm l-appellanti kienet ghadha fl-impieg. L-impieg ta' l-appellanti mas-socjeta appellata kien ghal-zmien limitat hafna li kien mis-17 ta' Frar 2004 sal-25 ta' Gunju 2005. Matul dan il-perjodu ta' sittax il-xghar fl-impieg intqal illi ghal-bidu l-appellanti kienet taghmel ix-xoghol taghha sewwa. Jirrizulta illli ma giex spiegat b'mod car kemm u sa meta kienet tghamel ix-xoghol sewwa jew mhux sewwa.

Is-socjeta appellata fid-diversi lanjenti taghha ma tispiegax preciz meta l-appellanti ma bghaqetx taghmel ix-xoghol sewwa pero qalet illi ma kienetx aktar tolleranti illi l-appellanti tibqa accetta u fdata fix-xoghol taghha fis-socjeta u ta' dan gew elenkati diversi nuqqasijiet illi sahansitra kien hemm fejn is-socjeta appellata kellha ssofri ammont ta' flus ghal kagun ta' nuqqas ta' attenzjoni kif mehtieg fil-posting tal-VAT.

Ma hux il-kaz illi l-appellanti kellha zmien tajjeb u zmien mhux tajjeb meta kienet ilha fl-impieg ghal zmien daqs tant qasir. Ir-rapport tas-Sur Vincent Curmi, Awditur, ma elenkax meta kienu z-zmienijiet illi l-appellanti ghamlet l-izbalji waqt illi l-appellanti ma gietx mghotija l-fakulta kollha li tispiega u twiegeb ghar-rimarki li saru fuqha.

Dwar il-kaz tas-sick leave ma jirrizultax illi l-appellanti ghamlet xi kontravenzjoni. Kienet it-tabiba tal-kumpanija illi attwalment invistatha fid-dar taghha, iccertifikata ghal numru ta' granet fejn irrizulta illi l-appellanti ma kienetx ghada tajba biex tirritorna ghax-xoghol f'dik il-gurnata li ghalaq ic-certifikat. It-tabiba meta regghat invistatha ccertifikata ghal-zmien iehor.

Rigward id-desk ta' l-appellanti s-socjeta appellata tghid illi wara li bdew jizbarazzaw id-desk bdew isibu diversi nuqqasijiet. Hu kunsidrat illi l-izbarazzar tad-desk ta' l-appellanti sar fin-nuqqas tal-prezenza taghha. Ma hux ghalhekk kunsiderat sewwa illi t-tali desk jigi zbarazzat mill-management tas-socjeta fin-nuqqas tal-prezenza ta' l-appellanti sew jekk kienet bis-sick leave jew wara li tkecciet mill-impieg. Invista illi l'izbarazzar tad-desk sar fin-nuqqas ta' l-appellanti, tali nuqqas tal-management ma jistghax jigi attribwit bhala fatt ta' nuqqas mill-appellanti.

Punt iehor dwar il-filing. Intqal illi l-filing system li kienet tapplika l-appellanti ma kienx jaqbel maghhom. Dan intqal minn Rodianne Formosa tant illi kull meta ma tkunx hemm l-appellanti ma kienetx tista' issib dak li tkun trid. Rodianne Formosa qalet ukoll illi kienet ta' spiss fin-nuqqas ta' l-appellanti iccemplilha u wara t-telefonata kienet issib dak id-dokument li tkun trid.

F'dan il-kaz ma jirizzultax illi l-filing system illi kienet tapplika l-appellanti kien xi sistema hazina, kienet biss sistema li ma kienetx komuni ma ta' shaba. Is-sistema ma jirrizultax illi kienet ta' xi dannu. Ix-xhud Rodianne Formosa qalet illi l-appellanti kienet spiss tqum biex tpejjep jew tiehu cafe' u dan kien ikun aktar mis-siegha break.

Punt iehor dwar illi l-appellanti kienet titlaq kmieni minghajr ma tinforma lis-superjur taghha s-Sur Nicky Camilleri. Il-hin tat-tmiem tax-xoghol ta' l-appellanti kien fl-04.30p.m. Is-Sur Camilleri qal fix-xhieda tieghu illi kienet titlaq qabel il-hin. L-appellanti tghid fix-xhieda taghha illi kienet dejjem issellem lill-shabha u lis-Sur Nicky Camilleri. Tghid illi kienet titlaq mal-hin tal-computer u illi hadd qatt ma qallha xejn li kienet sejra titlaq qabel il-hin fil-waqt li kienet tghidilhom li se titlaq. Kien is-Sur Nicky Camilleri ftit qabel ma tkecciet illi kien baghtilha e-mail fejn qallha li harget mix-xoghol fl-04.20p.m. minflok 04.30pm.

Is-socjeta appellata resqet seba' punti ta' metodu traskurat fix-xoghol tal-appellanti li huma;

1. Postings kienu saru hziena.
2. L-iskrivanija taghha kienet rebus karti fuq karti
3. Cekkijiet jigru fuq l-iskrivanija.
4. Cash go basket ma l-art.
5. VAT returns ma jinstabux.
6. Renti u ground rent charges ma sarux.
7. Bank reconciliation ma sarux.

Minn dak kollu li ntqal mis-socjeta appellata kif ukoll mill-appellanti jirrizulta illi fiz-zmien verament qasir li l-appellanti ghamlet fl-impieg mas-socjeta appellata kien hemm zmien illi l-appellanti kienet taghmel xogholha tajjeb. Kif diga ntqal dan iz-zmien ma giex kwantifikat u kien hemm zmien fejn ma kienx tajjeb. Is-socjeta appellata fil-kummenti taghha tghat il-htija ta' l-appellanti ghan-nuqassijiet ghaz-zmien kollu fl-impieg. Dan imur kontra parti mix-xhieda tas-Sur Nicky Camilleri seduta 15 ta' Ottubru 2007 pagna 32. Il-legali ta' l-appellanti staqsa lis-Sur Camilleri xi kemm in-numru ta' drabi li telqet qabel il-hin. Is-Sur Nicky Camilleri qal, *"ma nafx kemm il-darba, erba darbiet hamsa zgur"* il-legali rega staqsieh, fuq kemm perjodu ta' zmien? Is-Sur Camilleri qal, *"Fl-ahhar ftit. Diane fil-bidu xogholha kienet taghmel xogholha sew"*

Wara li gie ezaminat dak kollu li ntqal mix-xhieda prodotta kif ukoll id-dokumenti kollha esebiti t-Tribunal jara illi l-appellanti fin-nuqassijiet li gew lilha attribwiti ma kienux sufficjenti bizzejjed biex l-appellanti titkecca. Kien ikun hafna ahjar li kieku s-socjeta appellata ikkonsiderat is-sitwazzjoni b'mod differenti biex tara ezattament x'wassal biex l-appellanti fi zmien ta' gimghat inbidlet fejn tara x'rizultat johrog u ghalhekk kien ikun f'dak l-istadju illi tiehu azzjoni skond ir-rizultat.

**Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali ra l-Istqarrija tal-Kaz tal-partijiet, ra u ezamina x-xhieda prodotta, ra d-dokumenti esebiti, ra t-trattazzjoni finali tal-partijiet, jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jsib illi t-tkeccija ta' l-appellanti mill-impieg taghha mas-socjeta intimata ma kienetx ghar-raguni gusta u sufficjenti skond il-ligi.

L-appellanti ghandha ghalhekk tinghata kumpens fis-somma ta' sitt elef mitejn u disghejn Ewro 6,290

Dan il-kumpens irid jithallas f'zmien erba' u ghoxrin gurnata mid-data tad-decizjoni

Ghall-fini ta' l-Avviz Legali Numru 48 tal-1986, it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lil-partijiet fis-somma ta' Ewro 93.17

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

.

___________________

**Alphonse Caruana**
**Chairman**